MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 949/2009

**Hal Mann Vella Limited (C 28088)**

**vs**

**Maria Rosaria Micallef (ID 421647 M)**

**It-Tribunal,**

**Ra** li t-TALBA fl-Avviz hi dwar hlas ta’ elf, tmien mija, erbgha u ghoxrin ewro u sittax-il centezmu (€1,824.16c) rapprezentanti balance fuq prezz ta’ materjal u xoghol provdut lill-konvenuta, fuq inkariku taghha, mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ ittra ufficjali, u bl-imghax sa jum il-hlas

**Ra** r-RISPOSTA formulata hekk:-

1. L-ammont mitlub irid jigi spjegat u ppruvat

2. Il-parti l-kbira mill-ammont li kien originarjament dovut ma baqax dovut b'konsegwenza ta' sentenza moghtija mit-Tribunal tal-Konsumatur fl-ismijiet inversi li ddikjara li l-materjal u x-xoghol kienu difettuzi u mhux skond l-arti u s-sengha.

3. Il-bilanc li kien dovut wara t-tnaqqis ta' kwantu ma kienx dovut gie pacut mal-kumpens ordnat fl-istess sentenza.

**PROVI**

A1 **Patrick Hall**, general manager tas-socjeta' attrici qal li l-konvenuta kienet ordnat prodotti u xoghol minghandhom, konsistenti f'madum u "kitchen top", li kienu jiswew 'l fuq minn €5000. Fadlilha thallashom dak imsemmi fl-Avviz.

2 Il-konvenuta kellha xi diffikultajiet dwar il-madum konsenjat li tqieghed ukoll mis-socjeta' attrici.

3 Il-konvenuta kienet fethet proceduri kontrihom quddiem it-Tribunal ghall-Konsumatur u hadet ragun u s-socjeta' attrici giet ordnata thallasha €3494. Huma ghamlu *set-off* u hargu cekk favur il-konvenuta ghad-differenza. Il-bilanc li qed jintalab hu dak li hu dovut wara s-*set off.*

4 Il-konvenuta ma accettatx ic-cekk u huma gew rinfaccati b'Mandat ta' Sekwestru. Sar depozitu fil-qorti konformement ma dak dovut skond is-sentenza tal-bord tal-Konsumaturi. Fadal ghalhekk il-bilanc mitlub fl-AVVIZ. Ix-xhud hawn esibixxa ghadd ta' dokumenti markati Dok PH.

B1 **Christian Tonna**, Accounts Clerk mas-socjeta' attrici qal li x-xoghol kollu kien jiswa madwar €5,400 u fadal bilanc ta' €1,840.

C Permezz ta' Nota (*a fol* 12 *et seq*) il-kumpanija attrici esibiet hekk:-

Dok HM 1: *statement of account* li minnu jirrizulta bilanc ta' €1,824.16c

Dok HM 2: sentenza tat-Tribunal ghal-Talbiet tal-Konsumatur, 20.10.08 bi dritt ta' kumpens lill-konvenuta ta' €3,494.00c

Dok HM 3: l-izbank mill-konvenuta ta' dak depozitat fil-Qorti mis-socjeta' attrici wara Mandat ta' Sekwestru tal-attrici.

D1 Il-konvenuta **Maria Rosaria Micallef** qalet li hi kienet ftehmet mas-socjeta' attrici dwar xiri u tqeghid ta' madum f'darha u ordnat ukoll granit tal-kcina. Kienet hallset depozitu mal-ordni. Il-prezz tal-granit tal-kcina kien LM440 li minnu hallset LM140 u **baqa bilanc ta' LM300** (enfasi tat-TRIBUNAL)

2 Dwar il-madum saret it-talba quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur b'ezitu favurha (ara Dok HM2) u "**jiena dejjem kont disposta li nhallas il-bilanc fuq il-madum tal-kcina**".

3 Permezz tan-NOTA *a fol* 47 *et seq* il-konvenuta tat dettalji ta' dak li ghadda bejnha u bejn is-socjeta' attrici fejn tinsisti li m'ghandha thallas xejn. Giet esibita wkoll il-korrispondenza li ghaddiet bejn il-kontendenti.

## KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal iqis hekk:-

1. Jirrizulta li x-xoghol spattwit bejn il-kontendenti kien dak ta' xiri u tqeghid ta' madum fl-ambjenti ta' darha kif ukoll wicc fil-kcina.

2. Jirrizulta li dawn inzammu distinti u fil-kaz tal-kcina dak li kellu jithallas ghall-intier kien LM440 u fuq din l-ordni thallas depozitu ta' LM140 b'mod li s-socjeta' attrici kien fadlilha tiehu LM300

3. Dwar il-madum tad-dar dan it-TRIBUNAL iqis li l-kwistjoni kollha spiccat quddiem it-Tribunal ghal-Talbiet tal-Konsumatur b'ezitu definitiv f'**dak** it-Tribunal u dan it-TRIBUNAL m'ghandux jidhol fiha izjed.

4. Dwar il-wicc tal-kcina il-konvenuta fl-udjenza tal-20 ta' Mejju 2010 qalet, b'mod car u inekwivoku li mill-prezz pattwit ta' LM440 hi hallset depozitu ta' LM140 b'mod li kien ghad fadal bilanc ta' LM300 x'jithallsu. Dan il-bilanc inzamm distint mill-bqija u waqt li fix-xoghol l-iehor il-konvenuta habbtet wiccha ma nkwiet li klijent ma messu qatt habbat wiccu mieghu, fil-kaz tal-kcina jidher li l-affarijiet saru kif suppost u t-LM300 ghandhom jithallsu lis-socjeta' attrici.

**DECIZJONI**

Meqjus dak kollu kunsidrat u mfisser u in generali b'sens ta' ekwita' it-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) jilqa t-talba attrici limitatament ghall-quantum ta' tlett mitt lira maltin LM300 issa sitt mija, tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmi (€698.81c) u jichadha dwar il-bqija u (2) jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuta limitatament billi jiddeciedi li hi ghadha thallas biss lis-socjeta' attrici sitt mija, tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmi (€698.81c) kif imfisser (3) jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici il-*quantum* imsemmi fi zmien 30 jum mill-lum b'mod li (4) jibda jiddekorri l-imghax sal-jum tal-pagament effettiv jekk jiskorru t-30 jum imsemmi bla ma jkun sar l-pagament.

Fic-cirkostanzi kull parti fil-kawza thallas l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------